# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.**

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 13 ta' 2022, miżmuma nhar l-20 ta' Ottubru 2022, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

---

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta ta' filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | Viċi President |
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| • Alfred Grima | San Pawl il-Baħar LC | Membru |
| • Chris Grech | Mosta LC | Membru |
| • Kyle Mifsud | Mtarfa LC | Membru |
| • Stephen Cordina | H'Attard LC | Membru |
| • Trevor Fenech | San Gwann LC | Membru |
| • Angelo Micallef | Hal Balzan LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Preżenti ukoll kien hemm id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Kristina Camilleri

Membri Skużati: Kulħadd kien preżenti

1. AĠENDA

13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
13.3 Komunikazzjoni tal-President;
13.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri;
13.5 Kumunikazjoni
13.6 Rapporti;
- 13.6.1 Waterford Travel report
- 13.6.2 Brussels Biowaste Travel Report
- 13.6.3 June to Sept Quarterly Management report

13.7 Affarijiet *oħra* ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Regjonali li jkunu meħtieġa;
- 13.7.1 Waste Tender - update
- 13.7.2 Turkey Cultural Visit – update
- 13.7.3 Brussels Visit - Update
- 13.7.4 Press conference – Libraries - Update
- 13.7.5 Konsultazjoni Strategija Nazzjonali ghal-Kunsilli Lokali – Update
- 13.7.6 Updating of Region Book Proposal
- 13.7.7 Extension Leave of Exec Sec
- 13.7.8 Christmas activities
- 13.7.9 Annual meeting
- 13.7.10 Egypt COP 27

13.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
13.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

Il-Laqgħa nfetħet fis-18:00 mil-President, is-Sur Clifford Galea Vella.

## - 13.1 Qari t' Apoloġiji

Ma kienx hawn ittri t' apoloġiji.

## - 13.2 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgħa numru 12 miżmuma f'Settembru 2022 ittieħdu bħala moqrija.
Stephen Cordina ippropona li jkunu approvati u Kyle Mifsud issekonda l-mozzjoni.
Il-membri qablu unanimament.

## - 13.3 Komunikazzjoni mil-President

- Il-President Clifford Galea preżenta komunikazzjoni li rċieva mill-Ministru Clayton Bartolo dwar laqgħa mal-membri li ser isseħħ fit-23 ta' Novembru 2022 fis-sitta ta' filgħaxija dwar bżonnijiet tal-Kunsilli Lokali rigward Turiżmu ****.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

- Komunikazzjoni dwar ir-riforma tal-Liġi mil-Gvern Lokali fejn ser isseħħ laqgħa flimkien ma' Alison Zerafa Civelli fis-Sala tal-Kunsill Lokali Swieqi fid-9 ta' Novembru 2022 fis-sitta ta' filgħaxija.
- Komunikazzjoni fuq skema tal-Latrini pubbliċi fejn s'issa Mario Fava spjega t-tħassib tiegħu kif ukoll qed ikun mistenni li kull Kunsill Lokali għandu jippartecipa u jqajmu punti sabiex tiġi diskussa fl-aġenda li jmiss.
- GoTo Electric Parking Bays - qed issir diskussjoni mal-Kunsilli biex jaraw jekk dawn jibqgħux riservati għal vetturi elettriċi, jingħataw għal E-scooters jew il-Kunsilli Lokali għandhomx xi proposti oħra għal dawn il-parking bays.
- Ġie diskuss Cleansing pilot project għal sena fejn 5 Kunsilli ssieħbu ma' MOU mal-Cleansing. Intwera tħassib dwar dan it-tip ta' ftehim.
- Waste Management Tender - laqgħa mal-Onorevoli Ms Alison Zerafa Civelli.

## - 13.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

Is-Segretarju Eżekuttiv u l-President Clifford Galea Vella issuġġerew li s-Sindki jorganizzaw laqgħa sabiex jiddiskutu l-punti li jridu jqajmu qabel ma jmorru għal-laqgħa dwar ir-riforma tal-Liġi mil-Gvern Lokali. Il-membri qablu unanimament li jiltaqaw fis-27 ta' Ottubru fl-uffiċċju tar-Reġjun Tramuntana fis-sitta ta' filgħaxija.

## - 13.5 Komunikazzjoni

## - 13.6 Rapporti

.

1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-Rapport dwar is-safra ta' Waterford. Ġie mitlub mill-membri biex ir-rapport jintbagħat b'mezz elettroniku sabiex ikunu jistgħu jaqrawh iżjed bir-reqqa.
2. Ġie ppreżentat ir-rapport ta' Brussles Biowaste Travel Report; ġie mitlub sabiex jintbagħat lill-membri kollha b'mod elettroniku.
3. L-Accountant Romina Perici Ferrante preżentat ir-rapport finanzjarju minn Ġunju sa Settembru 2022 fejn spjegat ir-rapport lill-membri. Il-Prsident ipporpona li jkun approvat. Paul Vella issekonda. Il-Membri qalbu mar-rapport.

## – 13.7 Affarijiet oħra

1. Waste Tender: Is-SE spjega li preżentament, l-evalwazzjoni tat-tender qed issir u ntalbu numru ta' kjarifiċi mill-kuntratturi.
2. Turkey Cultural Visit: Ġie ppreżentat ir-rapport tas-safra kulturali fit-Turkija; il-membri talbu sabiex ir-rapport jintbagħat ukoll b'mezz elettroniku.
3. Brussles Visit: Saret diskussjoni dwar il-Brussles European Regions week.
4. Press Conference – Libraries – ġie rimarkat li din il-konferenza stampa kienet ta' suċċess u ntlaqgħat tajba. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li intbagħtu xi quotes fir-rigward tal-ispejjeż li ntefqu biex ittellgħet il-konferenza stampa mill-Ministeru, u l-membri talbu sabiex jikkomunikaw lura sabiex tingħata spjegazzjoni għalxiex intbagħtu lir-Reġjun.

5. Konsultazzjoni Strateġija Nazzjonali għall-Kunsilli Lokali – Ġie diskuss u s-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-membri li din ser isseħħ fil-Kunsill Lokali tas-Swieqi fid-9 ta' Novembru fis-sitta ta' filghaxija (18:00). Intqabel ukoll li ssir laqgħa l-Kunsill Lokali tal-Imġarr fis-27 ta' Ottubru fis-sitta ta' filgħaxija.
6. Updating of Region Book Proposal - Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa lill-membri sabiex il-ktieb li ppublika r-Reġjun isirlu update sabiex ninkludu l-Kunsilli l-ġodda li ssieħbu mar-Reġjun Tramuntana. Il-Membri ddiskutew u qablu li l-ktieb m'għandux isir update tiegħu iżda jinħareġ ktieb ġdid bil-Kunsilli kurrenti.
7. Extention of Leave tas-Segretarju Eżekuttiv - Il-President Clifford Galea propona lill-membri dwar l-estenzjoni tal-leave tas-Segretarju Eżekuttiv u Stephen Cordina ssekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu.
8. Attivita Reġjonali tal-Milied - Il-President Clifford Galea saqsa lill-membri dwar data għal attivita Reġjonali tal-Milied u l-membri qablu li d-data tkun 19 ta' Dicembru 2022 fis-19:30.
9. Annual General Meeting – il-membri ddiskutew bejniethom u ddeċidew li d-data tal-Annual General Meeting għandha sseħħ nhar is-Sibt 3 ta' Diċembru 2022 fid-disgħa ta' filgħodu fis-sala parrokjali ta' Ħ'Attard.
10. Egypt COP 27 - Il-President Clifford Galea spjega li ser isseħħ laqgħa tal-COP fl-Eġittu u rrakkomanda li jitla miegħu is-SE. Angelo Micallef propona li l-mozzjoni tiġi approvata, ġie sekondat minn John Buttigieg. Il-membri Anne Marie Muscat Fenech Adami, John Buttigieg, Paul Vella, Chris Grech, Trevor Fenech, Angelo Micallef, Stephen Cordina, Kyle Mifusud u l-President Clifford Galea qablu mal-mozzjoni. Alfred Grima astjena.

## - 13.8 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 154 kienet ippreżentata. Angelo Micallef ippropona li tkun approvata. John Buttigieg issekonda l-mozzjoni. Il-membri Anne Marie Muscat Fenech Adami, John Buttigieg, Paul Vella, Chris Grech, Trevor Fenech, Angelo Micallef, Stefan Cordina, Kyle Mifsud u l-President Clifford Galea qablu mal-mozzjoni. Alfred Grima astjena.

## - 13.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja ta' filgħaxija.

Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022, fis-sitta ta' filgħaxija.

________________________

Clifford Galea
President

________________________

George Abdilla
Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum l-Erbgħa 23 ta’ Novembru 2022